

**Rikors ippreżentat fid-19 ta' Mejju 2022 – PB vs SRB****(Kawża T-293/22)**

(2022/C 257/62)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrent: PB (rappreżentant: N. de Montigny, avukata)

Konvenut: Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB)

**Talbiet**

Ir-riktorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Presidenta tas-SRB tas-16 ta' Lulju 2021 li ma tikklassifikax mill-ġdid lir-riktorrent wara l-eżerċizzju ta' rikklassifikazzjoni 2021;
- sa fejn meħtieġ, tannulla d-Deċiżjoni tas-SRB tal-14 ta' Frar 2022 li tieħad l-ilment ippreżentat mir-riktorrent fil-15 ta' Ottubru 2021 fil-konfront tad-deċiżjoni li ma tikklassifikahx mill-ġdid;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors, ir-riktorrent jinvoka seba' motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tar-regoli proċedurali applikabbi għall-implementazzjoni tal-eżerċizzju ta' klassifikazzjoni mill-ġdid kif previst mill-Artikolu 5 tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' eżekuzzjoni tal-Artikolu 54 tal-Kondizzjonijiet tal-impieg applikabbi għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni (iktar 'il quddiem id-“DGE”).
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-analiżi żbaljata tal-Artikolu 4 tad-DGE u l-evalwazzjoni żbaljata tal-livelli ta' responsabbiltà fil-konfront ta' servizz u mhux fil-konfront ta' grad.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tar-regoli ta' proċedura tal-kumitat imħallat ta' klassifikazzjoni mill-ġdid u tal-obbligu li jitfassal rapport dwar kull eżerċizzju ta' evalwazzjoni.
4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti u l-ksur tal-prinċipji ta' trasparenza, ta' prevedibbilità u ta' ċertezza legali kif ukoll tal-eżiżenza ta' parzjalitā, għall-inqas oġġettiva, minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni f'diversi stadji tal-proċedura.
5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u żbalji mwettqa fil-lista tal-fatturi evalwati.
6. Is-sitt motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Anness II tad-DGE u tal-medja prospettata stabbilita.
7. Is-seba' motiv, ibbażat fuq l-iżball manifest ta' evalwazzjoni tal-fajl tar-riktorrent, tal-merti tiegħu u tal-anzjanità tiegħu meta mqabbel mal-kolleġi tiegħu li jagħmlu parti mill-istess direttorat.

**Rikors ippreżentat fl-20 ta' Mejju 2022 – Crush Series Publishing vs EUIPO – Mediaproducción  
(The Crush Series)****(Kawża T-295/22)**

(2022/C 257/63)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrent: Crush Series Publishing s.r.o. (Praga, ir-Repubblika Ċeka) (rappreżentant: D.-M. Belciu, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Mediaproducción SLU (Barcelona, Spanja)